Il-Kummissjoni Ewropea

# L-UŻU TAL-EMBLEMA TAL-UE FIL-KUNTEST TAL-PROGRAMMI TAL-UE 2021–2027

## Linji gwida operazzjonali għall-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE

MARZU 2021

L-Unjoni Ewropea (UE) għandha bosta programmi ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti u inizjattivi f'diversi oqsma madwar l-UE u lil hinn minnha.

Il-benefiċjarji kollha, l-awtoritajiet maniġerjali u s-sħab ta' implimentazzjoni tal-finanzjament tal-UE jeħtiġilhom jużaw l-emblema tal-UE fil-komunikazzjoni tagħhom biex jirrikonoxxu l-appoġġ li jirċievu taħt il-programmi tal-UE u jikkontribwixxu għall-viżibbiltà tal-UE fil-prattika.

Il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE għandhom obbligu ġenerali li jikkomunikaw u li jżidu l-viżibbiltà tal-UE. Obbligu importanti f'dan il-kuntest huwa **l-wiri korrett u prominenti tal-emblema tal-UE** flimkien ma' **dikjarazzjoni sempliċi dwar il-finanzjament** li ssemmi l-appoġġ tal-UE.

Din il-gwida hija għall-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE u għal partijiet terzi oħrajn li jikkomunikaw dwar il-programmi tal-UE. Din tipprovdi informazzjoni u eżempji dwar it-tqegħid tal-emblema tal-UE u d-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament.

# WERREJ

**I. Linji gwida viżivi** 4

L-użu tal-emblema tal-UE 4

Il-karatteristiċi tekniċi 5

L-assoċjazzjoni tal-emblema tal-UE mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament | L-għażla orizzontali 6

L-assoċjazzjoni tal-emblema tal-UE mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament | L-għażla vertikali 7

L-assoċjazzjoni tal-emblema tal-UE mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament | L-għażla bilingwi 8

Il-kuluri 9

It-tipa 9

Iż-żona ta' protezzjoni 9

Id-daqs minimu 9

X'ma għandekx tagħmel 10

It-tqegħid tal-emblema tal-UE mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament fuq il-materjal ta' komunikazzjoni 11

It-tqegħid tal-emblema tal-UE mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament f'każ ta' marka konġunta 12

**II. Ftehim amministrattiv mal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-użu tal-emblema tal-UE minn partijiet terzi** 13

Il-prinċipju ġenerali 13

Il-kundizzjonijiet tal-użu 13

It-trademark u kwistjonijiet relatati 13

Ir-responsabbiltà legali 13

Id-dritt li jiġi mfittex kwalunkwe abbuż 13

# I. Linji gwida viżivi

L-emblema tal-UE hija l-aktar marka viżiva importanti użata biex tirrikonoxxi l-oriġini u tiżgura l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-UE. Minbarra l-emblema, ma tista' tintuża l-ebda identità viżiva jew logo ieħor biex jiġi enfasizzat l-appoġġ tal-UE ([1]).

L-emblema tal-UE lesta biex tintuża, inkluż id-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament, tista' titniżżel bil-lingwi kollha tal-UE, bl-Għarbi, bl-Iżlandiż, bin-Norveġiż, bir-Russu u bit-Tork miċ-ċentru tat-tniżżil tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana (https://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/logos_downloadcenter).

## L-użu tal-emblema tal-UE

- Sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor mal-awtorità awtorizzanti, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-benefiċjarji relatati mal-azzjoni (inkluż ir-relazzjonijiet mal-midja, konferenzi, seminars u materjal ta' informazzjoni bħal brochures, fuljetti, posters, preżentazzjonijiet, eċċ. f'forma elettronika permezz tal-midja tradizzjonali jew soċjali), kif ukoll kwalunkwe infrastruttura, tagħmir, vettura, provvista jew riżultat maġġuri ffinanzjat mill-għotja, iridu jirrikonoxxu l-appoġġ tal-UE u jridu juru l-bandiera Ewropea (l-emblema) u d-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament (tradotta fil-lingwi lokali, fejn xieraq).

  **Xi jfisser il-"wiri prominenti" ta' emblema tal-UE?**

  Il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE għandhom l-obbligu li jiżguraw li l-emblema tal-UE tkun tidher faċilment f'kuntest partikolari. Dan il-kuntest jista' jvarja u jiddependi fuq ħafna fatturi. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa, pereżempju, għad-daqs, għall-pożizzjonament, għall-kulur u għall-kwalità tal-emblema fir-rigward tal-kuntest tagħha.

  Il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE jridu jkunu kapaċi juru u jispjegaw kif jiżguraw il-prominenza għall-emblema tal-UE u d-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament li takkumpanjaha fl-istadji kollha ta' programm, proġett jew sħubija ([2]).

- L-emblema tal-Unjoni Ewropea ma tridx tiġi mmodifikata jew ma tridx tingħaqad ma' xi element grafiku jew test ieħor. Jekk jintwerew logos oħrajn apparti l-emblema tal-UE, l-emblema trid tkun tal-inqas tal-istess daqs tal-akbar wieħed mil-logos l-oħrajn. Minbarra l-emblema tal-UE, ma tista' tintuża l-ebda identità viżiva oħra jew logo ieħor biex jiġi enfasizzat l-appoġġ tal-UE.

([1]) Jeżistu xi ftit eċċezzjonijiet limitati f'xi programmi — dawn huma definiti fil-bażijiet legali tal-programmi rispettivi.
([2]) Jekk jogħġbok kun af li xi programmi tal-UE jipprevedu obbligi aktar speċifiċi fil-bażi legali jew fil-ftehim dwar il-finanzjament tal-programm.

## Il-karatteristiċi tekniċi

- Id-dikjarazzjoni "Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea" jew "Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea" dejjem trid tinkiteb sħiħa u titpoġġa ħdejn l-emblema. Din għandha tiġi tradotta fil-lingwi lokali, fejn xieraq.
- It-tipa li għandha tintuża flimkien mal-emblema tal-UE trid tinżamm sempliċi u tkun tista' tinqara faċilment. It-tipi rrakkomandati huma Arial, Auto, Calibri, Garamond, Tahoma, Trebuchet, Ubuntu u Verdana.
- Is-sottolinjar u l-użu ta' effetti oħra tat-tipa mhumiex permessi.
- Il-pożizzjonament tat-test fir-rigward tal-emblema tal-UE ma jrid jinterferixxi bl-ebda mod mal-emblema tal-UE. Il-pożizzjonament tad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament fir-rigward tal-emblema tal-UE huwa deskritt f'dawn il-linji gwida.
- Il-kulur tat-tipa jrid ikun Reflex Blue (l-istess kulur blu bħall-bandiera Ewropea), abjad jew iswed jiddependi mill-isfond.
- Id-daqs tat-tipa użat irid ikun proporzjonat għad-daqs tal-emblema.
- Irid jiġi żgurat kuntrast suffiċjenti bejn l-emblema tal-UE u l-isfond. Jekk ma jkun hemm l-ebda alternattiva għal sfond ikkulurit, trid titqiegħed bordura bajda madwar il-bandiera, li l-wisa' tagħha jkun 1/25 tal-għoli tar-rettangolu.
- Meta jkunu qed iseħħu diversi operazzjonijiet fl-istess post u jkunu appoġġati mill-istess strumenti ta' finanzjament jew minn strumenti ta' finanzjament differenti, jew fejn jiġi pprovdut finanzjament ulterjuri għall-istess operazzjoni f'data aktar tard, trid tintwera biss plakka waħda jew kartellun wieħed ([3]).

Gwida dwar il-grafiċi tal-bandiera Ewropea (emblema)
https://europa.eu/european-union/about-eu/symbols/flag_mt

([3]) Dan japplika għall-programmi ta' ġestjoni kondiviża regolati mir-regolament dwar dispożizzjonijiet komuni, ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

## L-assoċjazzjoni tal-emblema tal-UE mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament

### L-għażla orizzontali




### Verżjoni pożittiva
(CMYK jew proċess ta’ impressjoni diġitali)

Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

Kofinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

### Verżjoni negattiva

Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

Kofinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

### Riproduzzjoni monokromatika
(Proċess ta’ stampar speċifiku fuq il-ħwejjeġ u fuq il-merchandise jew bil-Pantone)

Jekk ikunu disponibbli biss l-iswed jew l-abjad.

Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

Jekk ikun disponibbli biss kulur wieħed ta’ Pantone (ir-Reflex Blue qed jintuża bħala eżempju hawnhekk).

Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

# L-assoċjazzjoni tal-emblema tal-UE mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament

## L-għażla vertikali

x
x

**Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea**

### Verżjoni pożittiva

(CMYK jew proċess ta' impressjoni diġitali)

**Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea**

**Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea**

### Verżjoni negattiva

**Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea**

**Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea**

### Riproduzzjoni monokromatika

(Proċess ta' stampar speċifiku fuq il-ħwejjeġ u fuq il-merchandise jew bil-Pantone)

Jekk ikunu disponibbli biss l-iswed jew l-abjad.

**Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea**

**Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea**

**Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea**

**Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea**

Jekk ikun disponibbli biss kulur wieħed ta' Pantone (ir-Reflex Blue qed jintuża bħala eżempju hawnhekk).

**Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea**

## L-assoċjazzjoni tal-emblema tal-UE mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament

## L-għażla bilingwi

F'xi każijiet, jista' jkun neċessarju li tintuża verżjoni multilingwi. Għalhekk, hija possibbli verżjoni bilingwi. Biex iżżomm l-integrità tagħha, mhuwiex permess li tiżdied it-tielet lingwa mal-emblema tal-UE. F'dak il-każ, nirrakkomandaw li l-logo jiġi riprodott bil-lingwi meħtieġa.




Eżempji

Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea
Funded by
the European Union

Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea
Funded by
the European Union

Gefinancierd door
de Europese Unie
Financé par
l'Union européenne

Gefinancierd door
de Europese Unie
Financé par
l'Union européenne

Mhuwiex rakkomandat li tintuża verżjoni bilingwi meta l-emblema tal-UE tkun żgħira.
L-għoli minimu tal-emblema għal din il-verżjoni jrid ikun ta' 2 cm.

Għal oġġetti speċifiċi, bħal pinen, il-verżjoni bilingwi mhijiex permessa.

2 cm

Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea
Funded by
the European Union

## Il-kuluri

Blu korporattiv tal-UE
C: 100 | M: 80 | Y: 0 | K: 0
R: 0 | G: 51 | B: 153
#003399

Isfar 100 %
C: 0 | M: 0 | Y: 100 | K: 0
R: 255 | G: 204 | B: 0
#FFCC00

## It-tipa

It-tipa użata hawnhekk biex tinħoloq id-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament hija Arial (grassa). Din toffri stil sempliċi u newtrali u hija disponibbli għal-lingwi kollha tal-UE. Arial hija waħda mit-tipi installati lesti mis-software ta' Microsoft u Adobe, u għalhekk hija faċilment aċċessibbli għal kulħadd. It-tipi rakkomandati l-oħrajn huma Auto, Calibri, Garamond, Tahoma, Trebuchet, Ubuntu u Verdana.

### ARIAL

**ABCDEFGHIJKLMNOPQRSTUVWXYZ**

**ÁÀÂÄÃÅĂĀĄÇĆČĈĊĎĐÉÈÊËĔĚĖĒẼĘĞĜĢĠĦĤÍÌÎÏĨĬĪĮİĴĶĹĻŁÑŃŇŅŊÓÒÔÖÕŎŐŌØǾŔŘŖŚŞŠŜȘŦŤŢÚÙÛÜŬŰŪŲŮŨẂŴẄẀŸŶỲÝŹŽŻƵÞĐÆǼŒ**

**abcdefghijklmnopqrstuvwxyz**

**áàâäãåăāąçćčĉċďđéèêëĕěėēẽęğĝǵġħĥíıìîïĩĭīįĵķĺļłñńňņŋóòôöõŏőōøǿŕřŗśşšŝșŧťţúùûüŭűūųůũẃŵẅẁÿŷỳýźžżƶþðæǽœ**

**0123456789**

**1234567890/1234567890**
**¡!¿?#%‰&*-–—(.,:;)()[]{}¦|«»‹›¶••−×+±÷¬∞≤≥<>=≠≈No†‡§@°ℓ℮©®™€$¥£¢ƒ**

## Iż-żona ta' protezzjoni

Iż-żona ta' protezzjoni trid tibqa' ħielsa minn testi, logos, immaġnijiet jew minn kwalunkwe element viżiv ieħor li jikkompeti magħha u li jista' jikkomprometti l-leġġibbiltà tajba tagħha.




## Id-daqs minimu

L-għoli minimu tal-emblema tal-UE jrid ikun ta' 1 cm.

Għal oġġetti speċifiċi, bħal pinen, l-emblema tista' tiġi riprodotta f'daqs iżgħar.

Meta tintuża d-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament tal-UE f'daqs żgħir, nirrakkomandaw ħafna li tintuża l-verżjoni orizzontali.



# X'ma għandekx tagħmel

Tagħżilx tipa li mhijiex Arial, Auto, Calibri, Garamond, Tahoma, Trebuchet, Ubuntu jew Verdana.

Tużax xi effett tat-tipa.

Iżżidx elementi grafiċi oħra.

Tagħmilx it-test akbar jew iżgħar b'mod sproporzjonat meta mqabbel mal-emblema tal-UE.

Tużax xi kulur għajr Reflex blu, abjad jew iswed.

Tibdilx il-proporzjonijiet tat-test.

Tiktibx "UE". Din trid dejjem tinkiteb bħala "Unjoni Ewropea".

Tiktibx kollox b'ittri kapitali.

Tissostitwixxix l-emblema tal-UE bil-logo tal-Kummissjoni Ewropea.

Tissostitwixxix l-emblema tal-UE bi kwalunkwe element grafiku ieħor.

Timmodifikax l-emblema tal-UE.

Iżżidx l-isem tal-programm fid-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament.

Tiktibx l-isem tal-programm flimkien mal-emblema tal-UE.

Iżżidx element grafiku mal-isem tal-programm tal-UE.

## It-tqegħid tal-emblema tal-UE mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament fuq il-materjal ta’ komunikazzjoni

L-emblema tal-UE, flimkien mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament, trid tidher b’mod prominenti fuq il-materjal kollu ta’ komunikazzjoni, bħal prodotti stampati jew diġitali jew siti web u l-verżjoni mobbli tagħhom, maħsuba għall-pubbliku jew għall-parteċipanti.

It-tqegħid tal-emblema tal-UE ma għandux jagħti l-impressjoni li l-benefiċjarju jew il-parti terza hija b’xi mod konnessa mal-istituzzjonijiet tal-UE. Għalhekk huwa rakkomandat li l-emblema tal-UE titqiegħed ’il bogħod mil-logo tal-organizzazzjoni ta’ parti terza.

Minbarra l-emblema, ma tista’ tintuża l-ebda identità jew logo viżiv ieħor biex jiġi enfasizzat l-appoġġ tal-UE.

Dawn huma xi eżempji. It-tqegħid tal-emblema tal-UE jiddependi fuq id-disinn tal-pubblikazzjoni.



# It-tqegħid tal-emblema tal-UE mad-dikjarazzjoni dwar il-finanzjament f'każ ta' marka konġunta

Meta tintwera flimkien ma' logos oħrajn (eż. tal-benefiċjarji jew tal-isponsors), l-emblema trid tintwera tal-inqas b'mod prominenti u viżibbli daqs il-logos l-oħrajn.

Il-benefiċjarji jistgħu jużaw l-emblema mingħajr ma l-ewwel ikunu kisbu l-approvazzjoni mill-awtorità awtorizzanti. Madankollu, dan ma jagħtihomx id-dritt għal użu esklużiv. Barra minn hekk, ma jistgħux japproprjaw l-emblema jew kwalunkwe trademark jew logo simili, permezz ta' reġistrazzjoni jew bi kwalunkwe mezz ieħor.

Dawn huma xi eżempji. It-tqegħid tal-emblema tal-UE jiddependi fuq id-disinn tal-pubblikazzjoni.



# II. Ftehim amministrattiv mal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-użu tal-emblema tal-UE minn partijiet terzi

(*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 271 tat-8 ta' Settembru 2012)

## Il-prinċipju ġenerali

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ("utent") tista' tuża l-emblema tal-UE jew kwalunkwe wieħed mill-elementi tagħha, soġġett għall-kundizzjonijiet tal-użu li ġejjin.

## Il-kundizzjonijiet tal-użu

L-użu tal-emblema tal-UE u/jew kwalunkwe wieħed mill-elementi tagħha huwa permess, irrispettivament minn jekk l-użu huwiex ta' natura mingħajr skop ta' qligħ jew kummerċjali, ħlief jekk:

- l-użu joħloq l-impressjoni jew is-suppożizzjoni żbaljata li hemm konnessjoni bejn l-utent u kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji, l-aġenziji u l-organi tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kunsill tal-Ewropa;
- l-użu jwassal lill-pubbliku biex jemmen b'mod żbaljat li l-utent jibbenefika mill-appoġġ, mill-isponsorizzazzjoni, mill-approvazzjoni jew mill-kunsens ta' kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji, l-aġenziji u l-organi tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kunsill tal-Ewropa;
- l-użu huwa marbut ma' kwalunkwe objettiv jew attività li hija inkompatibbli mal-għanijiet u mal-prinċipji tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kunsill tal-Ewropa, jew li inkella hija illegali.

## It-trademark u kwistjonijiet relatati

Skont il-kundizzjonijiet imsemmija qabel, l-użu tal-emblema tal-UE ma jfissirx kunsens għar-reġistrazzjoni tal-emblema jew imitazzjoni tagħha bħala trademark jew kwalunkwe dritt ieħor tal-PI. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa se jkomplu jimmonitorjaw l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-emblema tal-UE jew parti minnha bħala (parti minn) drittijiet tal-PI, skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli.

## Ir-responsabbiltà legali

Kwalunkwe utent li jkollu l-ħsieb li juża l-emblema tal-UE jew elementi tagħha se jinżamm legalment responsabbli għal dak l-użu. L-utenti se jinżammu responsabbli għal kwalunkwe użu abbużiv u għal kwalunkwe preġudizzju possibbli li jirriżulta minn dan l-użu skont il-liġijiet tal-Istati Membri jew ta' kwalunkwe pajjiż mhux tal-UE applikabbli għalihom.

## Id-dritt li jiġi mfittex kwalunkwe abbuż

Il-Kummissjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li tfittex, fuq inizjattiva proprja jew fuq talba mill-Kunsill tal-Ewropa:

- kwalunkwe użu li ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti hawnhekk; jew
- kwalunkwe użu li l-Kummissjoni Ewropea jew il-Kunsill tal-Ewropa jqis abbużiv fil-qrati tal-Istati Membri jew ta' kwalunkwe pajjiż mhux tal-UE.

## Kuntatt

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar l-użu tal-emblema tal-UE fil-kuntest tal-programmi tal-UE, jekk jogħġbok ikteb lil comm-visual-identity@ec.europa.eu.

© L-Unjoni Ewropea, l-2021


| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-76-30516-3 | doi:10.2775/405764 | NA-01-21-076-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-76-30488-3 | doi:10.2775/377078 | NA-01-21-076-MT-N |